

# l-Istorja Mżewwqa ta' Michael Borg

## Segretarju tas-Soċjeta Filarmonika Vilhena, Fundatur u Deputat tal-Partit Laburista u Deputat tal-Partit Nazzjonalista

*minn Nigel Holland*

Meta wieħed ikun qed jirriċerka l-istorja, mhux darba jew tnejn li jiltaqa' ma' persuni u inċidenti kurjużi u ħelwin li wieħed ma jistax ma jirrakontax dwarhom mhux biss minħabba li huma interessanti fihom infushom iżda anki minħabba li jixtħu dawl fuq l-atmosfera li kienet issawwar era partikolari ta' l-istorja, fil-każ tagħna, l-atmosfera li kienet issawwar l-istorja tal-Floriana u l-għaqda mużikali waħdanija tagħha.

Dan ir-rakkont idur madwar il-persuna ta' Michael (Michele) Borg u huwa
interessantissimu għax jekk kien hawn Furjaniż li kellu storja mżewwqa fil-kamp politiku kien dan Michel Borg li għal xi żmien kien ukoll Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena.

Michael Borg twieled fil-Floriana fit-8 ta' Settembru, 1865, iben Emanuel u Christina mwielda Zahra. Michael ma kienx waħdu fil-familja u kienu magħrufa bħala 'tal-Kaptan Manwel', għal missieru.*1 Ftit nafu aktar fuq il-ħajja privata tiegħu għajr li kien meta kiber kien negozjant u li kien jgħix f'Numru 76, Triq San Tumas*2.

Meta Borg kellu madwar 55 sena kien qed jgħix fi żmien meta f'Malta kienu qed isiru tentattivi u sforzi serji biex il-kolonizzaturi Ingliżi ta' Malta jerħu f'idejn il-Maltin it-tmexxija politika ta' l-affarijiet ta' kuljum.
Kien qed jgħix ukoll fi żmien meta bdiet titqajjem fost il-ħaddiema Maltin kuxjenza biex dawn jingħaqdu wkoll f'partit politiku li jkollu bħala għan ewlieni l-avvanz tal-klassi tan-nies tax-xogħol li ħafna minnhom kienu jgħixu f'ċerta miżerja u bi ftit li xejn drittijiet ċivili u politiċi
Borg kien jgħix ukoll fi żmien li s-Soċjeta mużikali tagħna, is-Soċjeta' FilarmonikaVilhena, kienet fl-aqwa tagħha bil-banda tagħha mistiedna biex iddoqq f'uħud mill-aqwa festi Maltin.

**Politika u banda**

L-involviment ta' Michael Borg fil-politika u l-banda saru kważi fl-istess żmien u jekk waħda kinitx kawża ta' l-oħra ma nistax ngħid b'ċertezza izda kollox jindika, kif għad naraw, li kien hekk.

Mela fis-Seduta tal-Kumitat tas-Soċjeta' tal-11 ta' Awissu, 1920, in-neguzjant Michael Borg sar Segretarju tas-Soċjeta' minflok l-Avukat Enrico Frendo. Dan kien ftit gimgħat biss qabel ma twaqqfet il-camera del Lavoro, dak li llum hu l-Partit Laburista, u dan Michel Borg fil-fatt kien wieħed mill-fundaturi ta' dan il-partit. Ovvjament, fil-mument li inħatar Segretarju tas-Soċjeta' kienu waslu fl-aħħar tagħhom il-preparazzjonijiet biex jigi varat dan il-partit ġdid tal-ħaddiema, imwaqqaf fil-15 ta' Ottubru, 1920,*3 li mill-ewwel kellu għajnejh mitfugħa fuq l-elezzjonijiet għall-ewwel gvern responsabbli Malti li kellhom isiru xi żmien wara u li fil-fatt saru s-sena ta' wara, f'Ottubru ta' l-1921.

Bħalma l-partit tal-ħaddiema kellu għajnejh fuq dawn l-elezzjonijiet, l-istess kellu Michael Borg li kien beħsiebu jikkontestahom f'isem l-istess partit u allura Borg kellu interess kbir li jokkupa l-kariga ta' Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena għax wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li dak iż-żmien il-ħajja tan-nies kienet iddur madwar il-knisja u l-banda *4 u allura konnessjoni mill-qrib ma' waħda jew ma' l-oħra kienu jagħtu lok għal vantaġġi politiċi enormi.

**Fundatur tal-Partit Laburista**

Iżda ejja nagħmlu pass lura għall-aspett politiku ta' Michael Borg li spiċċa bħala wieħed mit-12-il fundatur ta' dak li kellu jsir wieħed mill-akbar żewġ partiti politiċi f'Malta. Ġa rrimarkajna li Michael Borg kien negozjant u jekk wieħed jistgħaġeb kif allura dan kien wieħed mill-fundaturi ta' partit tal-ħaddiema m'għandux jingħata tort.



Iżda l-verita' hi li fost 'it-tnax' li huma magħduda u rikonoxxuti bħala l-fundaturi tal-Partit Laburista kien hemm aktar minn benestant wieħed. Dawn il-benestanti kienu nies li, għalkemm kienu komdi u setgħu qagħdu, bħal ħaddieħor, igawdu l-ġid tagħhom bil-kwiet, twieldu b'kuxjenza soċjali u ma felħux jaraw lil min qed ibati bla ma jagħmlu xejn u din il-kuxjenza soċjali mbuttathom biex joħorgu flushom biex joħolqu partit li seta' jibda jaħdem biex jerfa' l-ħaddiem mill-miżerja u jagħtih id-dinjita' tiegħu.

Michael Borg kien wieħed minn dawn il-benestanti u wieħed mit-'tnax' li ħargu L25 (li fl-1920 kienu flus!) kull wieħed biex ikun jista' jiġi varat il-partit *5 u għalhekk dan il-Furjaniż naqqax ismu fl-istorja politika ta' Malta bħala fundatur ta' wieħed miż-żewġ partiti l-kbar li għandna f'pajjizna.

Nofs salarju għall-kazin ... nofs ieħor għall-knisja parrokkjali!

Ġa aċċennajna għall-fatt li Michael Borg wisq probabbli li daħal għall-kariga ta' Segretarju tas-Soċjeta' biex ikun jista' jsaħħaħ iċ-ċansijiet tiegħu li jiġi elett fl-ewwel Parlament Malti.*6

Li dan hu minnu jista' jiġi kkonfermat mill-fatt li dan in-negozjant għamel mossa oħra elettorali, kemmxejn grandjuza, fl-istess zmien meta waqt seduta tal-kumitat tas-Soċjeta' iddikjara li jekk jiġi elett fl-Assemblea Legislattiva kien ser jagħti nofs is-salarju lill-każin tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena u n-nofs l-ieħor lill-Knisja Arċipretali u Parrokkjali ta' San Publju!

Tisma' bi stejjer interessanti ta' min jagħmel minn kollox biex joħrog b'trijonf minn xi elezzjoni iżda din żgur li tgħodd bħala waħda mill-aktar interessanti. Michael Borg eventwalment ġie elett fl-ewwel Parlament Malti iżda ma nafx jekk kienx żamm il-wegħda li kien għamel fejn tidħol din tas-salarju! Ta' min iżid li qabel ma saret l-elezzjoni Borg kien ġie elett mill-Kumitat Ġenerali tal-partit (speċi ta' Konferenza Ġenerali li jagħmel il-partit illum), fis-6 ta' Settembru, 1921, bħala wieħed mill-membri ta' l-ewwel Kumitat Ezekuttiv tal-Partit Laburista, kariga li żamm ftit gimgħat biss minħabba li kellu jċediha, skond l-istatut tal-partit, meta ġie elett bħala Deputat Laburista fl-Assemblea Legislattiva.*7

## Mil-'Labour' għal ma' Nerik Mizzi

Minkejja s-suċċess elettorali tiegħu u miegħu l-unur li kien fost l-ewwel grupp ta' membri parlamentari Maltin, Michael Borg jidher li ma kellux kwiet f'ġismu. Lanqas għaddiet sena mill-elezzjoni tiegħu bħala wieħed mis-seba' Deputat Laburisti li ġew eletti fl-Assemblea Legislattiva li ma kisirhiex mal-partit u ngħaqad ma' Nerik Mizzi, il-Partito Democratico Nazionalista (Partit Demokratiku Nazionalista) - P.D.N. Il-qasma bejn Borg u l-Partit Laburista tikxef il-karattru żbukkat ta' dan il-bniedem u l-kwistjoni kienet spiċċat anki fil-gazzetti ta' l-epoka.

Kien fil-laqgħa tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Partit Laburista tal-15 ta' Settembru, 1922, li s-Sur Mose' Gatt qanqal kwistjoni dwar xniegħa li Michael Borg kien mar ma' partit ieħor. Membru ieħor tal-Kumitat Ezekuttiv, Armando Mifsud, ikkonferma dan u ddikjara li l-istess Michael Borg kien qallu li hu m'għadux mal-partit u li kien ser jagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens fil-ġurnali.

Giovanni (Ġanni) Bençini*8,Segretarju tal-Partit tal-ħaddiema, ikkonferma wkoll u informa lill-Eżekuttiv li s-Segretarju tal-P.D.N., il-Farmaċista Vassallo qallu li Michael Borg kien informah verbalment li huwa magħhom.

F'dik il-laqgħa kien ġie deċiz li s-Segretarju kellu jikteb lil Borg biex isaqsih jekk dan kollu kien minnu.*9

Borg baqa' qatt ma rrisponda għall-ittra*10 u eventwalment il-każ tiegħu mar quddiem il-Kumitat Ġenerali li għadda Riżoluzzjoni li Michael Borg kellu jitkeċċa mill-partit.

Fid-19 ta' Ottubru, 1922, Michael Borg kiteb lil Gianni Bençini fejn irrefera għar-Riżoluzzjoni li l-istess partit kien bagħatlu u li fiha kien ġie informat li kien tkeċċa minn dan il-partit għax kien mar mal-partit ta' Dr Nerik Mizzi. Borg wieġeb li ma kienx il-partit li keċċa lilu izda li kien hu li keċċa lilhom għaliex, skond hu, kien ilu jgħidilhom ħames xhur li ma ridx jibqa' mal-partit. Sostna li hu ma kien mar ma' l-ebda partit u kompla Michael Borg ta' l-Independent Labour Party filwaqt li tenna li kellu, għandu u ser jibqa' jkollu imħabba speċjali lejn il-ħaddiema.

L-ittra ta' Michael Borg qajjmet ferment fl-Eżekuttiv tal-partit u saħansitra Armando Mifsud issuġġerixxa li għandu jsir xi meeting fit-III Distrett, li minnu kienet tagħmel parti l-Floriana, biex il-partit ikollu l-okkażjoni li jagħti sodisfazzjon lill-elettorat ta' l-għemil tiegħu.



L-Avukat Enrico Frendo, Furjaniż ieħor u li, kif rajna, kien ukoll ex Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Vilħena, sadanittant kien ġie approvat mill-Kumitat Ġenerali bħala delegat fuq il-Kumitat Eżekuttiv u Assistent Segretarju proviżorju tal-partit u fil-fatt kien qed jattendi għall-ewwel laqgħa tiegħu. L-Avukat Frendo osserva li kien ikun wisq aħjar li jinġabru l-firem f'dikjarazzjoni fejn l-eletturi japprovaw l-għemil tal-Kumitat Generali.*11

Jidher, iżda, li l-affari eventwalment mietet fuq ommha. Tajjeb inżidu li minkejja l-affermazzjoni li ma kien ser jissieħeb ma' l-ebda partit, Borg fil-fatt minnufih ha postu mal-P.D.N. ta' Nerik Mizzi sa l-aħħar ta' dik il-legislatura.*12

Sadanittant, Borg kien anki temm il-konnessjoni qasira tiegħu mal-banda Furjaniża għax dam Segretarju tas-Soċjeta' għal sena waħda biss u fl-1921 ħadlu postu John L. Trapani. Jidher li l-kariga tas-segretarju tas-Soċjeta' kienet servietu għall-iskopijiet politiċi tiegħu u ma kienx jehtiegħa aktar!*13

## Michael Borg fl-Assemblea Leġislattiva

Inkunu qed nagħmlu inġustizzja kbira ma' Michel Borg jekk ma nagħmlux riferenza għax-xogħol parlamentari tiegħu fi ħdan l-Assemblea Legislattiva u partikolarment għal dak li jirrigwarda l-Floriana, fejn kien jagħmel diversi interventi fir-rigwardTal-bżonnijiet tal-belt tagħna.

Dawn kienu jvarjaw minn talba lill-Gvern biex is-sidien ta' kerrejiet ikunu ordnati li jagħmlu d-dawl fl-intrata u l-kuriduri tal-kerrijiet matul il-lejl biex jigu evitati aċċidenti bħalma kien ġa ġara xi żmien qabel f'kaz partikolari fil-Floriana*14 għal talba biex isiru fanali quddiem il-Knisja Parrokkjali tal-Floriana bħalma kien ħemm quddiem knejjes parrokkjali oħra*15. Interventi oħra kienu jirrigwardaw il-ħtieġa li jinxtegħlu Rundle Gardens (il-gnien tal-papri)*16, il-bzonn li jissewwa wiċċ il-Fosos ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali*17, il-fatt li kien meħtieg restawr fuq it-tila ta' Santa Rosalia ta' Mattia Preti fil-Knisja ta' Sarria*18 u mistoqsija jekk il-Gvern kellux ħsieb li jattwa suġġeriment li kien deher fil-"Gazzetta di Malta" biex isir ġnien pubbliku fiż-żona fejn illum hemm iċ-ċentru Rikreattiv ir-Re Gorg V*19, xi ħaga li eventwalment irrealizzat ruħha.

Insomma, bħal kull Deputat Parlamentari Furjaniż ieħor tul is-snin, kienu ta' liema partit kienu, Borg ukoll ta sehmu biex il-Floriana tigi 'l quddiem.

## Mill-P.D.N. għal U.P.M.

Il-karattru imprevedibbli ta' Michel Borg kompla juri ruħu meta għall-elezzjoni ta' l-1924 ħalla lil P.D.N. u kkontesta l-elezzjoni generali ma' l-Unione Politica Maltese (U.P.M.), taħt it-tmexxija ta' l-Avukat Franċesco Buhagiar, dejjem fuq id-distrett li minnu kienet tagħmel parti l-Floriana.

Din id-darba, iżda, Borg ma kienx elett fl-Assemblea Leġislattiva.
F'nofs din il-leġislatura, eżattament fis-16 ta' Jannar, 1926, il-P.D.N. u l-U.P.M.ingħaqdu f'partit wieħed u b'hekk twieled il-Partit Nazzjonalista.
Fl-1927, Borg ikkontesta l-elezzjoni ġenerali*20 ma' dan il-partit ġdid iżda għal darba oħra rega' ma ġiex elett. Ta' min jinnota li kien ġie elett mill-istess distrett Furjaniż ieħor, il-Kurunell Achille Samut, ħu l-kompożitur ta' 'l-Innu Malti' Robert Samut. Samut kien ġie elett f'isem il-Partit Kostituzzjonali u kien anki spiċċa ministru fil-gvern immexxi minn Sir Gerald Strickland.

## Deputat Nazzjonalista

Intant, Michael Borg ma qatax qalbu u kien mal-Partit Nazzjonalista li reġa sab il-fortuna politika tiegħu. Kien fl-elezzjoni ta' l-1932 li Borg ġie elett għat-tieni darba fl-Assemblea Leġislattiva, għalkemm ma' partit differenti minn ta' l-ewwel darba.

Din kienet l-aħħar elezzjoni li kellu jikkontesta Michael Borg u kellu l-isfortuna li minkejja li rnexxielu jerga' jirbaħ post fil-parlament ma tantx gawdih għax wara biss sena u ħames xhur il-Gvernatur issospenda l-Kostituzzjoni u neħħa l-Ministri Nazzjonalisti minħabba l-kwistjoni tal-lingwa. Kellhom jgħaddu sitt snin qabel ma Malta ngħatat Kostituzzjoni ġdida u fl-elezzjoni li saret b'riżultat tagħħa, fl-1939, Borg ma kienx fost il-kandidati li kkontestaw.

Fil-fatt, miet sena biss wara din l-elezzjoni, fit-8 ta' Marzu, 1940, u b'hekk ġiet fi tmiemha wkoll il-ħajja pubblika kkulurita ta' dan l-ex-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena.



Noti u Riferenzi

*1 Tagħrifa mogħtija lili mill-Avukat Ray Mangion

*2 Galea, Francis, Mexxejja, ħassieba u deputati Laburisti (1920-2000), Dipt.
tat-Tagħrif, Partit Laburista, 2000, pp. 47-48

*3 Azzopardi, Geraldu, Il-fundaturi tal-Partit tal-ħaddiema, Dipt. tat-Tagħrif,
Partit tal-ħaddiema, 1984, p. 2

*4 Għalkemm wieħed irid izid li f'dan iz-zmien it-tim tal-football tal-Floriana kien għadu kemm rebaħ ir-raba' kampjonat Malti u fil-Floriana kien ġa asserixxa ruħu sew element ieħor, il-ballun, li madwaru kienet imsawwra wkoll l-ħajja tal-komunita' Furjaniża

*5 Azzopardi, Geraldu, Il-fundaturi tal-Partit tal-ħaddiema, Dipt. tat-Tagħrif, Partit tal-ħaddiema, 1984, p. 2

*6 L-ewwel Parlament Malti kien maqsum f'żewġ fergħat, is-Senat u l-Assemblea Leġislattiva

*7 Il-bidu f l-ewwel snin tal-Partit Laburista, Dipt. tat-Tagħrif, Partit Laburista, 1995, p. 1

*8 Giovanni (Ġanni) Bencini, li jigi nannuwi, ftit snin qabel kien ukoll membru tal-kumitat tas-Soċjeta'

*9 Il-bidu f l-ewwel snin tal-Partit Laburista, Dipt. tat-Tagħrif, Partit Laburista, 1995, p. 34

*10 Ibid, p. 38

*11 Ibid, p. 39

*12 Schiavone, Michael J., L-elezzjonijiet f'Malta, Bugelli, Malta, 1987, p.36

*13 huwa interessanti li wieħed jinnota wkoll li Michel Borg, bħala segretarju tas-Soċjeta', kien ħa post l-Avukat

*14 Official report of the debates of the Legislative Assembly of Malta : first session, first legislature : 12-13 George V, 1921-22 : in three parts, part I : pages 1-1230. part II : pages 1231-2512. part III : pages 251...., volume 3, Comprising the period from the 3rd day of July 1922 to the 19th day of December 1922 Inclusive, Government Printing Office, Malta, 1924, p. 2834

*15 Official report of the debates of the Legislative Assembly of Malta: first Session, first legislature: 12-13 George V, 1921-22 : in three parts, part I : pages 1-1230. part II : pages 1231-2512. part III : pages 251...., volume 1, Comprising the period from the 28th day of October 1921 to the 3rd day of April 1922 inclusive, Government Printing Office, Malta, 1924, p. 779

*16 Official report of the debates of the Legislative Assembly of Malta : first Session, first legislature : 12-13 George V, 1921-22 : in three parts, part I : pages 1-1230. part II : pages 1231-2512. part III : pages 251...., volume 2, comprising the period from the 17th day of April 1922 to t[e 26th day of June 1922 inclusive, Government Printing Office, Malta, 1924, p. 1410

*17 Official report of t[e debates of the Legislative Assembly of Malta : third session, first legislature : 14 George V, 1923-24 : in two parts, part I : pages 1-900. part II : pages 901-1758., volume 6, comprising the period from the 12th day of November 1923 to the 7th day of February 1924 inclusive, Government Printing Office, Malta, 1925, p. 594

*18 Ibid, p. 412

*19 Official report of the debates of the Legislative Assembly of Malta : third session, first legislature : 14 George V, 1923-24 : in two parts, part I : pages 1-900. part II : pages 901-1758., volume 7, comprising the period from the 11th day of February 1924 to the 21st day of April 1924 inclusive, Government Printing Office, Malta, 1925, p. 1005

*20 F'dan iż-żmien l-elezzjonijiet kienu jsiru kull 3 snin

